MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Numru 283/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J Fenech)**

**vs**

**Josef Belkhir**

**Illum 11 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Josef Belkhir ta' 24 sena, bin Kouider u Maria Dolores nee` Debono, imwieled Pieta` fl-27/08/1980, li joqghod Nru 147, Triq B'Buga, B'Buga u detentur tal-karta ta' l-identita` nur. 411780M gie akkuzat talli fit-30 ta' Marzu 2005 ghall-habta tas-19:00hrs gewwa B'Buga:

1) bil-hsieb li jaghmel feriti ta' natura gravi fuq il-persuna t'ohtu Miriam Belkhir, wera dan il-hsieb b'atti esterjuri u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt meta kisser il-hgieg tal-bieb tal-bitha tar-residenza Nru 147, Triq B'Buga, B'Buga, wara li qabad ra ohtu u beda jsabbatilha maghhom, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu;

2) volontarjament ikkaguna hsara volontraji fuq xi ghamara ta' l-istess dar liema hsara tammonta ghal iktar minn Lm10 izda inqas minn Lm50 ghad-dannu ta' missieru Kouider Belkhir;

3) talli fl-istess data, lok u hin, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;

4) talli fl-istess data, lok u hin hedded bi kliem lil PS 645 J. Attard, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;

5) talli fl-istess data, lok u hin hedded hi kliem lil hutu Miriam u Nadia, u lill-genituri tieghu Koudier u Maria Dolores;

6) talli fl-istess data u lok ghall-habta tas-19:15hrs fl-Ghassa tal-Pulizija t'a B'Buga, kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, glied, storbju, dagha jew mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba biex tapplika l-provvedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta` ta' Miriam Blekhir u l-familja taghha.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JFP1 u nnutat li l-imputat, wara li l-Qorti staqsietu jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura

sommarja u wara li nghata zmien biex jirrispondi ghal din id-domanda, wiegeb li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mid-Difiza u mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 325(c), 338(ee), 95, 339(1)(e), 338(dd), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Josef Belkhir, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Josef Belkhir ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tlett (3) snin mil-lum l-imputat Josef Belkhir jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta torbot lill-imputat Josef Belkhir b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Miriam Belkhir, Nadia Belkhir, PS 645 J. Attard, Koudier Belkhir u Maria Dolores Belkhir u jzomm il-bon ordni pubbliku ma kulhadd ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Josef Belkhir l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------